MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-16 ta' Awwissu, 2006

Numru 1124/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**v.**

**Ekramy Fadl Alla Abdel Aziz Mobarak**
**(d.d.t. 22/11/1975 detentur tal-Karta ta' l-Identita` nru 22147(A) u passaport Egizzjan bin-numru 784402)**

**Il-Qorti**:

Regghet rat ir-rikors ta' Ekramy Abdel Aziz Mobarak tal-11 ta' Awissu 2006 li permezz tieghu huwa talab il-helsien mill-arrest fil-pendenza tal-proceduri kontra tieghu; rat id-digriet preliminari taghha tal-istess data; rat li l-Avukat Generali ma ppresentax risposta ghal dan ir-rikors, ghalkemm ghamel is-sottomissjonijiet tieghu – permezz tal-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said – fl-udjenza tal-14 ta' Awissu 2006;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet – l-Avukati Dott. Jason Azzopardi u Dott. Chris Busietta ghar-rikorrent u l-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said ghall-Avukat Generali – fl-udjenza tal-14 ta’ Awissu 2006; semghet ukoll bil-gurament fl-istess udjenza lill-Ispettur Dennis Theuma u lil Fakaah Bouchra maghrufa bhala Sarah;

Rat id-digrieti studjati u motivati tal-Qorti Istruttorja tal-5 ta’ Mejju 2006 (fol. 157 *et seq.*) u tad-9 ta’ Awissu 2006 li permezz taghhom dik il-Qorti, ghar-ragunijiet imfissra fl-istess digrieti, cahdet it-talba tal-imputat Ekramy, migjuba f’zewg rikorsi separati, ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest f’dawn il-proceduri;

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz limitatament ghall-finijiet tat-talba odjerna, inkluza l-kondizzjoni tal-imputat, ix-xorta u l-kwalità tar-reati li bihom jinsab akkuzat[1], u z-zmien tal-piena li ghalihom ir-reati huma suggetti (Art. 576 tal-Kap. 9);

Hadet ukoll in konsiderazzjoni l-obbligazzjoni maghmula mill-imputat rikorrent, permezz tal-abbili difensuri tieghu, fl-udjenza msemmija tal-14 ta’ Awissu 2006, li jekk huwa jinghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni li ma johrogx mid-dar fl-ebda hin, huwa ma kien ser jaghmel u lanqas jittanta jaghmel sa tmiem il-proceduri kontra tieghu ebda talba ghal xi forma ta’ varjazzjoni fil-kundizzjoni ta’ l-hekk imsejjha “house arrest”;

Tosserva li l-Qorti Istruttorja, fiz-zewg digrieti hawn aktar ‘l fuq imsemmija, jidher li kienet preokkupata mill-fatt li r-rikorrent ma kienx f’posizzjoni li jaghti garanzija adegwata, tenut kont tar-rabtiet tieghu, mhux daqshekk sodi, ma’ Malta u tal-mezzi finanzjarji tieghu u tal-persuna – cittadina Marokkina – li maghha jghix u li minnha ghandu tarbija. Dak li ma jidhirx li l-Qorti Istruttorja, bid-dovut rigward lejha, hadet in konsiderazzjoni bizzejjed huwa l-fatt li l-ligi taghna tipprovdi, bhala l-forma <u>principali</u> ta’

[1] Assocjazzjoni bi skop ta’ traffikar fir-raza tal-pjanta *cannabis,* traffikar fl-imsemmija raza u pussess, kemm semplici kif ukoll kwalifikat, ta’ l-istess.

garanzija mhux id-depozitu ta’ somma (jew ta’ rahan li jiswa daqsha), wisq anqas il-garanzija personali, izda li l-imputat igib plegg tajjeb – cioe` terz idoneu bhala garanti – li jobbliga ruhhu bil-miktub ghas-somma stabbilita (Art. 577(1), Kap. 9). Il-garanzija bil-forma ta’ plegg tajjeb taghti lill-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali dik il-flessibilita` mehtiega biex, min-naha l-wahda, anke min m’ghandux flus ikun jista’ jinghata l-helsien mill-arrest kemm il-darba ma jkunx hemm il-perikoli ravvizati fil-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 575(1) tal-Kodici Kriminali, u fl-istess hin l-ammont tal-garanzija jkun adegwat fid-dawl tal-Artikolu 576 u mhux ammont irrizorju (ara a propositu l-osservazzjonijiet maghmula mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Gama Said Karfus v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et**, deciza fis-27 ta’ April 2006). Il-kundizzjonijiet l-ohra tal-helsien mill-arrest li talvolta timponi l-Qorti huma intizi sabiex joholqu dak “il-bilanc mehtieg bejn l-interess tas-socjetà li tittutela l-integrità tal-procediment kontra l-persuna li tkun u d-dritt ta’ dik l-istess persuna li ma tibqax taht arrest fil-pendenza tal-proceduri kontra taghha jekk il-Qorti tkun sodisfatta li ma jkunx hemm il-perikoli ravvizati fil-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 575(1) tal-Kodici Kriminali” (digriet ta’ din il-Qorti tal-10 ta’ Awissu 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Geoffrey Azzopardi) v. Alfred Bugeja *omissis***).

Kunsidrat dan kollu, din il-Qorti hi tal-fehma li f’dan il-kaz ghandha takkorda l-helsien mill-arrest. Din il-Qorti zzid ukoll li ghall-finijiet ta’ din it-talba, ftit li xejn tat importanza lill-fatt – li r-rikorrent sahaq fuqu hafna kemm fir-rikors kif ukoll fit-trattazzjoni – li huwa kien ikkopera mal-Pulizija. Il-fatt li persuna tkun ikkoperat – hafna drabi ghax tkun inqabdet *in flagrante* – ftit li xejn jincidi fuq l-affidabilita` taghha kif ukoll ftit li xejn jincidi fuq jekk ikunx hemm o meno l-perikoli ravvizati fil-paragrafi (a) sa (e) aktar ‘l fuq imsemmija.

Fid-dawl tal-premess, din il- Qorti tilqa’ t-talba tar-rikorrent u takkordalu l-beneficcju tal-helsien mill-arrest f’dawn il-proceduri taht is-segwenti kundizzjonijiet:

**i. li r-rikorrentt jidher u toqghod ghal kull ordni ta' din il-Qorti jew ta' kwalsiasi Qorti ohra li quddiemha jkun jinsab il-process jew xi kwistjoni li tohrog mill-process jew li hi marbuta mieghu;**

**ii. li ma jikkomunikax jew jipprova jikkomunika b'ebda mod, la direttament u anqas indirettament jew tramite terzi, max-xhieda tal-prosekuzzjoni;**

**iii. li jirrisjedi fl-indirizz St John Flats, Flat 1, Triq Hgejjeg, San Pawl il-Bahar; li ma johrogx mill-imsemmija residenza hlief (*1*) bejn it-8.00 a.m. u 8.15 a.m. u l-5.00 p.m. u l-5.15 p.m. u dan sabiex jirraporta darbtejn kuljum f'dik il-kwarta fil-ghassa tal-Pulizija tal-Qawra, (*2*) biex jattendi l-Qorti in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, u (*3*) biex jikkonsulta ma' l-avukat tieghu jew ghal ragunijiet medici (fil-kaz ta' din it-tielet ipotesi l-imputat rikorrent ghandu qabel ma johrog mir-residenza msemmija jinforma lill-Ispettur Dennis Theuma u jaghtih id-dettalji kollha dwar fejn ikun sejjer, kif u x'hin); u li ma jbiddilx din ir-residenza minghajr il-permess tal-Qorti;**

**iv. li jirraporta <u>darbtejn kulljum</u> fil-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra kif indikat fil-paragrafu (iii) hawn fuq;**

**v. li jikkonsenja il-passaport (apparti dak li diga jinbsab ezibit fl-atti a fol. 6) u kull "travel document" iehor li jista' jinsab fil-pussess tieghu, inkluza l-karta ta' l-identità Maltija, lill-Ispettur tal-Pulizija Dennis Theuma, u li ma jhallix jew jipprova jhalli dawn il-Gzejjer; kif ukoll li ma jitlax jew jipprova jitla' fuq ebda daghjsa, lanca, *yacht*, vapur jew mezz iehor ta' trasport bil-bahar, ikun ta' liema xorta jkun; u**

**vi. li jaghmel tajjeb ghall-dawn il-kundizzjonijiet kif ukoll ghal dak kollu li tghid u trid il-ligi fl-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali billi**

**# jew jiddepozita taht l-awtorita` ta' din il-Qorti u bhala garanzija s-somma ta' ghaxart elf lira (Lm10,000), jew**

**# igib plegg tajjeb li jobbliga ruhhu bil-miktub ghas-somma ta' ghaxart elf lira (Lm 10,000); f'kaz li jingieb tali plegg il-Qorti tordna li jinghata avviz ta' erba' w ghoxrin siegha kif provvdut fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 582 tal-Kodici Kriminali sabiex tkun tista' tigi determinata l-idoneità ta' tali plegg, u f'dan il-kaz din il-garanzija ma jkollha ebda effett qabel ma tali plegg jigi approvat minn din il-Qorti.**

Notifika ta' dan id-digriet lir-rikorrent, lill-Avukat Generali u lill-Kummissarju tal-Pulizija (att. Spettur Dennis Theuma).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------